MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta tal-15 ta' Marzu, 2011

Numru. 955/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Anne Marie Micallef)**

**Vs**

**DANIELE AQUILINA**
**COLIN CIANGURA**
**RICHARD DEAN MONACO**

**Il-Qorti:-**
Rat li l-imputati **Daniele Aquilina ta’** sittax-il sena, bin missier mhux maghruf u Mary Rose nee’ Aquilina, imwieled Pieta’ nhar id-19 ta’ Settembru, 1993 u residenti l-Ghorfa, Triq Sir Ugo Mifsud, Ta’ Xbiex detentur tal-karta ta’ identita numru 568393 (M), **Colin Ciangura** ta’ hmistax-il sena, bin Andy (Andrew) u Marvic nee’ Mifsud, imwieled Pieta’ u residenti Shalom Lodge, Triq Bieb it-Torri, Msida, detentur tal-karta tal-identita numru 538194 (M) u **Richard Dean Monaco** ta’ hmistax-il sena, bin John

u Helen nee' Calleja imwieled ir-Rumanija u residenti 11, Eljon, Triq Sant Antnin, Msida, detentur tal-karta tal-identita' numru 535195 (M) gew imressqa quddiemha w akkuzati talli:-
B'diversi atti maghmulin minnhom, ukoll jekk fi zminijiet differenti li jkunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:
Talli nhar l-14 ta' Settembru 2010 ghal-habta tas-saghtejn u nofs ta' wara nofsinhar (14.30pm) mix-xatt ta' Ta' Xbiex, ikkommettew serq, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi l-mitjen, tnejn u tletin Ewro w erbgha w disghin centezmu (€232.94), izda inqas minn elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro w sebgha w tletin centezmu (€2,329.37) li sehh ghad-detriment ta' Paul Sciberras u/jew persuni ohra:
U aktar talli fl-istess data, f'dawn il-gzejjer u cioe' fl-inhawi ta' Tas-Sliema u San Giljan, bil-hsieb li jaghmlu delitt, wrew dan il-hsieb b'atti esterni, billi dolozament bil-hsieb li jikkommettu serq minn fuq persuni, taw bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema tentattiv ta' serq ma sehhx minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta' taghhom u li kieku sehh kien ikun aggravat bil-vjolenza;
Lil **Daniele Aquilina** u **Richard Dean Monaco** wahedhom talli f'dawn l-ahhar xaghrejn tas-sena 2010 ghall-habta tal-hdax ta' bil-lejl (23.00hrs) f'dawn il-gzejjer u cioe' minn gewwa l-istabiliment 121 Lounge, sitwat f'San Giljan, ikkommettew serq ta' mobile ghad-detriment ta' persuna/i mhux maghrufa liema serq huwa kkwalifikat bil-hin;
U aktar talli bejn is- 6 ta' Settembru 2010 u l-14 ta' Settembru 2010, f'dawn il-Gzejjer u cioe' minn gewwa x-Xatt ta' Ta' Xbiex, ikkommettew serq ta' 'crash helmet' ghad-detriment ta' persuna/i mhux maghrufa;

Lil **Richard Dean Monaco** wahdu talli bejn il-25 t' Awwissu 2010 u t-3 ta' Settembru 2010 minn gewwa l-fond numru 11, Eljon, Triq Sant' Antnin, Msida, kkommetta serq ta' oggetti ta' deheb, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin Ewro w erbgha w disghin centezmu (€232.94) izda inqas minn elfejn, tlett mija w disgha w ghoxrin Ewro w sebgha w

tletin centezmu (€2,329.37) li sehh ghad-detriment ta' Helen Monaco u/jew persuni ohra;

Lil **Daniele Aquilina** wahdu talli f'dawn l-ahhar xahrejn tas-sena 2010, f'dawn il-gzejjer u cioe' mix-Xatt ta' Ta' Xbiex ikkommetta serq ta' mobile, ghad-detriment ta' persuna/i mhux maghrufa.

U aktar talli nhar l-14 ta' Setembru 2010 u f'dawn l-ahhar xhur f'dawn il-gzejjer, saq vettura ta' l-ghamla Peugeot Partner bin-numru ta' registrazzjoni KBM 754, minghajr ma kellu llicenzja tas-sewqan mill-Kummissarju tal-Pulizija jew mill-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta jew minghajr licenzja specifikata, u b'hekk ma kienx kopert b'polza tas-sigurta' dwar ir-riskji ta' terzi persunil;

Lil **Colin Ciangura** wahdu akkuzat talli f'dawn l-ahhar xhur, f'dawn il-gzejjer xjentment laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk sar f' Malta kif ukoll barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom, liema oggetti misruqin gejjin minn reati ta' serq ikkwalifikat bil-valur;

Finalment, **Daniele Aquilina** u **Colin Ciangura** wahedhom kkuzati talli rrendew ruhhom recidivi ai termini ta' l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li gew misjuba hatja b'sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula u kif ukoll bi ksur tal-Probation a tenur ta' l-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta fejn kienu gew misjuba hatja b'sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) u lliberathom bil-kundizzjonijiet kontemplati fl-istess artikolu.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom il-Kunsens tal-Avukat Generali datat 16 ta' Settemrbu 2010 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja ai terimini tal-Artikolu 370 (4) tal-Kodici Kriminali (fol. 6) u rat li l-imputati ma kellhomx oggezzjoni ghal dan, tant li fis-seduta tas-16 ta' Settemrbu 2010 l-istess imputati irregistraw ammissjoni ghall-akkuzi kollha kif addebitati fil-konfront taghhom.

Semghet l-ammissjoni volontarja tal-imputati kif registrata waqt is-seduta tas-sittax ta' Settembru, 2010 w ghalhekk, fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssibhom hatja tal-akkuzi kif dedotti kontra taghhom mill-Prosekuzzjoni.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputati b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba taghhom u tathom zmien xieraq biex jekk riedu, setghu jergghu lura minnha, w fil-fatt l-ammissjoni taghhom giet registrata fl-atti ta' din il-kawza fl-istess seduta tas-sittax ta' Settembru 2010, u dana fil-prezenza tal-avukati difensuri taghhom.

Rat ukoll l-istqarrijiet tal-imputati esebiti fl-atti fl-ewwel seduta u dan mill-Ufficcjal Prosekutur u minn ezami ta' l-istess jirrizulta l-partecipazzjoni ta' kull imputat f'kull reat addebitat lilu.

Rat ukoll is-sentenzi moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta.

Rat illi l-imputati, lkoll minorenni, nghataw il-liberta' provizorja fl-ewwel seduta, w li din il-Qorti kienet innominat Probation Officers sabiex isegwu lill-imputati w ghal dan il-ghan innominat lil Chantal Avellino sabiex tiehu hsieb lil Colin Ciangura u lis-Senior Probation Officer Miriam Sevasta sabiex tiehu hsieb lill-ko-akkuzati l-ohra. Rat ukoll li f'din l-istess seduta tas-16 ta' Settembru 2010 il-Probation Officers gew ordnati sabiex ihejju *pre-sentencing reports* fil-konfront tal-imputati minorenni.

Rat illi b'digriet moghti fl-4 ta' Ottubru 2010 id-digriet tal-Qorti tas-16 ta' Settembru 2010 gie varjat fis-sens illi l-*pre-sentencing report* fil-konfront ta' Colin Ciangura jigi redatt mill-Probation Officer Maryanne Zammit u dak fil-konfront ta' Daniele Aquilina jigi redatt mill-Probation Officer Chantal Avellino peress illi dawn l-imputati diga' kienu jinsabu taht il-kura w id-direzzjoni tal-Probation Officers imsemmija. Fir-rigward il-ko-akkuzat Richard Dean Monaco d-digriet tas-16 ta' Settemrbu 2010 baqa' l-istess, fis-sens li l-pre-sentencing report jigi redatt mis-Senior Probation Officer Miriam Sevasta.

Illi nhar id-9 ta' Novembru 2010 xehdet il-Probation Officer **Maryanne Zammit** u esbiet ir-relazzjoni taghha li giet immarkata bhala Dok. MZ. Minn ezami ta' din ir-relazzjoni jirrizulta li l-imputat Colin Ciangura diga' xellef duffejh mas-sistema tal-gustizzja fil-passat. Tghid li l-imputat ghandu s-*support* kollu mill-familjari tieghu, kemm mil-lat materjali kif ukoll dak socjali. Jidher li l-problema ta' Colin kienet wahda li meta kien zghir kien juri sinjali t'aggressivita' kemm fid-dar kif ukoll fl-iskola w il-genituri tieghu ma segwewx il-kaz tieghu mill-vicin. Din l-aggressivita' irrepetiet ruhu fl-adoloxxenza kif ukoll fiz-zmien ricenti. Jidher li Colin m'ghandux problema t'abbuz ta' droga jew sustanza llecita ohra, izda jinghalaq fih innifsu. Ghandu stima baxxa tieghu innifsu w mhux kapaci jkun assertiv fejn jidhlu hbieb u kumpaniji. Dan qed iwassal biex idahhal lil Colin f'inkwiet zejjed, anke jekk ghandu inkoraggiment shih mill-genituri tieghu.
Tghid li piena ta' prigunerija mhix idoneja ghal Colin, izda dan nonostane ghandu bzonn kura w ghajnuna w ghalhekk hija tal-fehma li ghandu jinghata sentenza alternattiva fil-komunita'. Tirrakkomanda wkoll li ghandu jattendi ghas-sessjonijiet mal-psikologu biex tigi ndirizzata l-problema ta' personalita' w nuqqas ta' stima lejh innifsu.

Illi nhar id-9 ta' Novembru 2010 xehdet ukoll is-Senior Probation Officer **Miriam Sevasta** w din esebiet ir-relazzjoni taghha redatta fil-konfront tal-imputat Richard Dean Monaco, li giet immarkata bhala Dok. MS. Spjegat li dan huwa guvnott ta' hmistax-il sena w sa minn mindu twieled ghadda minn diversi episodji li setghu hallew marka tul it-trobbija tieghu. Meta kellu ftit xhur hu gie addottat mill-koppja Helen u John Monaco. Fil-fatt skond l-omm adottiva, din tghid li minn ckunitu dan beda juri sinjali ta' *dyslexia* u ADHD u ghalhekk kienet irreferietu ghand diversi professjonisti sabiex jigu ndirizzati dawn il-problemi. Ghalhekk minhabba f'hekk Richard ftit li xejn juri nteress fl-iskola, ghalkemm l-attendenza tieghu hija wahda regolari. Qalet ukoll li l-genituri adottivi tieghu jaghmlu minn kollox sabiex jaraw lil Richard kuntent, izda kollu ghal xejn ghaliex ma japprezza xejn. Ommu tghid li mohhu biss biex jigri barra, dejjem mal-hbieb u qisu m'ghandux familja, w tghid ukoll li ricentement dan beda

jiffrekwenta zghazagh ohra li huma ta' nfluwenza hazina fuqu. Tghid il kemm hi kif ukoll zewgha jwiddbu lil Richard, izda dan ma jaghtix kazhom u llum thossa bhal qisha tilfet kull sens ta' kontroll fuqu.
Il-Probation Officer tispjega li dan huwa l-ewwel kaz ta' Richard u li r-*res furtiva* giet ritornata lis-sid legittimu taghha, salv u b'eccezzjoni ghat-telefon cellulari li thallas kumpens fuqu. Hija ssuggeriet li tinghatalu Ordni ta' Probation biex b'hekk ikun taht supervizjoni ta' Ufficcjal tal-Probation li jista' jkun ta' ghajnuna ghall-imsemmi sabiex jimxi fit-triq it-tajba. Tghid ukoll li l-imsemmi Richard Dean Monaco gie riferut ghand il-Piskologu Bernard Caruana.

Illi nhar l-1 ta' Frar 2011 xehdet il-Probation Officer **Chantal Avvellino** u esebiet ir-relazzjoni li hija rredigiet fil-konfront tal-imputat Daniele Aquilina, liema relazzjoni giet immarkata bhala Dok. CA. Spjegat li l-imputat kien diga' qed jigi segwit minnha b'ordna ta' din il-Qorti diversament presjeduta b'sentenza li nghatat fis-6 ta' Jannar 2010, liema ordni ghandha tispicca f'Jannar 2013. Qalet li din hija t-tieni ordni li nghata, w cioe' l-ewwel wahda kienet dik li nghata ghal perijodu ta' sena f' Lulju 2008.

Dwar l-appuntamenti gewwa l-ufficcju tal-probation Aquilina dejjem zamm l-attendenza regolari. Qalet li qed jigi wkoll segwit minn George Tabone, Social Worker mal-Agenzija Appogg. Flimkien huma fasslu pjan ta' kura biex Daniele Aquilina jkollu aktar struttura f'hajtu, w ghalhekk ghandu jfittex xoghol stabbli jew xi forma ta' tahrig. Qalet li fil-prezent kien qed jiehu tahrig mill-ETC bil-ghan li jzomm 'il boghod mill-hbieb li jistghu ikun ta' xkiel f'hajtu.
Illi l-Probation Officer hija tal-fehma li l-imputat jinghata sentenza fil-komunita' ai termini tal-Artikolu 11 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta, w permezz ta' din ir-rakkomadazzjoni qed tinghata mportanza lill-kuncett ta' *restorative justice.* Hija ssuggeriet li dan ix-xoghol fil-komunita' jkun ghal mitt (100) siegha w isir skond l-arrangamenti mhejjija mill-Ufficcju tal-Probation wara li jigi approvat minn din il-Qorti.

**Ikkunsidrat:**

Illi din il-Qorti hija rinfacjata b'sitwazzjoni xejn felici fejn ghandha tliet minoreneni qed jiregistraw ammissjoni ghal diversi serqiet, meta tnejn minnhom - Daniele Aquilina u Colin Ciangura t-tnejn minorenni ta' hmistax-il sena meta kkommettew ir-reati - huma diga' recidivi ai termini tal-Ligi. Dan ifisser li l-imputati ghalkemm inghataw cans sabiex jirrintegraw fis-socjeta' w izommu 'l boghod mill-hajja ta' kriminalita' ma tghallmux mill-opportunita' moghtija lilhom, tant li regghu qeghdin il-Qorti akkuzati b'reati, fost ohrajn, ta' serq. Dan l-agir tal-imputati, ghalkemm minorenni, ma jawgurax tajjeb f'ghajnejn il-Qorti, w b'dispjacir tghid li bil-fors li s-sistema tal-Probation fil-konfront taghhom ma hadmitx. Min-naha l-ohra pero', tara li l-eta' taghhom, u cioe' ta' hmistax-il sena, hija eta' vulnerabbli w ghalhekk din il-Qorti trid tkun sensittiva fil-piena li terroga, sabiex ma thajjarx lill-istess imputati sabiex ikomplu jsegwu din il-hajja ta' kriminalita' li qed isegwu fil-prezent. Il-Qorti tinnota li skond dak li qalu l-Probation Officers Avellino w Zammit, l-imputati Aquilina w Ciangura ghandhom jinghataw cans iehor sabiex jirrintegraw fis-socjeta' w jitpoggew taht Ordni ta' Probation bil-ghan li bil-gwida tal-Ufficcjal tal-Probation dawn jistghu jinzammu 'l boghod mill-hajja kriminali. Sfortunatament il-Qorti thoss li jekk tibaghthom il-habs tkun qed tesponihom ghal aktar opportunitajiet sabiex jaghmluha ma' nies aghar minnhom u bic-cans li johorgu mill-habs aktar propensi li jaghmlu delitt iehor. Minhabba impediment legali, din il-Qorti ma tistax tapplika sentenza sospiza stante li huma recidivi, w lanqas ma tista' tikkundannhom ihallsu multi, ghaliex huma ndigenti w b'hekk qisha qed tibaghthom hi stess biex jisirqu biex ihallsu l-multa. Ghalhekk fic-cirkostanzi l-piena idoneja hija dik suggerita mill-Probation Officers, li tpoggi lill-imputati Aquilina w Ciangura taht Odni ta' Probation ghall-perijodu massimu permess mil-Ligi. B'dan pero' li hija qieghda timponi numru ta' kundizzjonijiet li ghandhom jigu segwiti, bil-ghan li b'hekk jinzammu fit-triq it-tajba. Il-kundizzjonijit ser ikunu ristretti hafna w il-Qorti ser izzomm kuntatt vicin mal-imputati, stante l-eta' tenera taghhom, sabiex b'hekk hija tkun avzata bil-progress taghhom. Naturalment fil-konfront tal-imputat Aquilina hija sejra wkoll tordna s-sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan,

stante li ammetta li huwa saq meta ma kienx kopert b'licenzja tas-sewqan u ma kellux polza tal-assikurazzjoni.

Fil-konfront tal-imputat Richard Dean Monaco jidher li din kienet l-ewwel darba li huwa xellef dufrejh mal-ligi w ghalhekk huwa opportun li jinghata Ordni ta' Probation ghal perijodu inqas minn dak moghti lill-ko-akkuzati li huma recidivi.  Dan nonostante pero' hija xorta sejra zzomm kuntatt vicin mal-imputat Monaco w ser timponi kundizzjonijiet iebsa fl-Ordni tal-Probation.

**Il-Qorti rat l-Artikoli tal-Ligi, w cioe' Artikoli 18, 41 (1) (a), 49,50, 261 (a), 279 (a), 289 u 334  tal-Kap. 9, l-Artikolu 3 tal-Kap. 104 u l-Artikolu 15 tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta, w tiddikjara li qed issib lill-imputati DANIELE AQUILINA, COLIN CIANGURA u RICHARD DEAN MONACO hatja tal-akkuzi kif addebitati lilhom, fuq ammissjoni taghhom stess, u tiddeciedi li tpoggi lill-imputati Daniele Aquilina u Colin Ciangura taht Ordni ta' Probation ai termini tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta ghall-perijodu massimu permess mil-ligi ta' tliet snin, u dan skond l-ordni hawn annessa.**

**Oltre dan, ai termini tal-Artikolu 11 ta' l-istess Kap. 446 qieghda tpoggi lill-imputat DANIELE AQUILINA taht Ordni ta' Servizz fil-Komunita' w dan billi ghandu jaghmel xoghol fil-komunita' ghall-perijodu ta' mitt (100) siegha bla hlas, skond ix-xoghol li ser jinstab mill-Probation Officer. Ai termini tal-Artikolu 11 (4) tal-istess Kap. 446 din il-Qorti qieghda tispjega lill-hati bi kliem li jifhem l-effett ta' din l-ordni w x'jigri f'kaz li huwa jonqos li jikkopera maghha jew jaghmel xi reat iehor.  Il-Qorti qieghda wkoll tordna li kopja ta' din is-sentenza bl-Ordni annessa maghha tinghata lill-hati DANIELE AQUILINA, lid-Direttur tal-Probation Services, lill-Ufficcjal tas-Servizz fil-Komunità assenjat ghall-kaz mid-Direttur, u lill-Awtoritajiet responsabbli ghas-sorveljanza ta' l-ordni.  Jinghad hawnhekk li din il-Qorti kienet sprovista mill-opportunita' li taghti din l-Ordni ghal Servizz fil-Komunita' lill-ko-akkuzati l-ohra, stante li dawn**

**ghadhom ma lahqux l-eta' ta' sittax-il sena, w ghalhekk hija pprojbita mil-Ligi. Il-Qorti thoss li permezz ta' din l-ordni l-imputat Aquilina jista' jaghti ftit hin tieghu lis-socjeta' li hu tratta tant hazin, u dan sabiex jaghmel tajjeb ghan-nuqqasijiet tieghu.**

**Oltre dan fil-konfront tal-imputat Aquilina qieghda tordna li jkun skwalifikat milli jkollu jew jottjeni licenjza tas-sewqan ghall-perijodu ta' sentejn millum ai termini ta' l-Artikolu 30 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Fir-rigward tal-imputat Richard Dean Monaco, l-Qorti rat li dan huwa l-ewwel kaz tieghu u ghalhek qed tpoggih taht <u>Ordni ta' Probation ghall-perijodu ta' sentejn</u> ai termini tal-artikolu 7 (1) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta skond l-ordni hawn annessa. Tordna wkoll li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tal-Probation Services bil-ghan li jigi nominat kandidat idoneju sabiex jghinu.**

**Il-Qorti taghti r-rakkomandazzjoni taghha sabiex possibilment jinzammu l-istss Probation Officers li kienu nvoluti fil-kaz s'issa.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------